18 ta' Mejju, 1948.

L-Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

Imhallef :

Giovanna Cauchi *versus* Amelia Cauchi et.

**Użufrutt Konġuntiv — Diviżjoni — Art. 419 tal-Kodiċi Ċivili (ġà 77 ta' l-Ordinanza VII ta' l-1868).**

*Id-dispożizzjoni ta' l-art. 77 ta' l-Ord. VII ta' l-1868, fis-sens illi l-użufrutt imħolli konġuntirament jispiċċa mal-mewt ta' l-aħħar persuna li għandha tgawdi, u illi l-porzjoni ta' l-użufruttwarju li jmut takkrexxi ma' dik ta' l-użufruttwarji superstiti, tirrigwarda l-mod tal-godiment, u ma timportax impossibilità ta' diviżjoni. U għalhekk ma tfisserx illi kull wieħed mill-użufruttwarji istitwiti konġuntirament ma jistax jitlob id-diviżjoni, biex lilu tista' tiġi assenjata l-porzjoni li tmissu mill-beni kostitwiti in użufrutt biex ikun jista' jgawdiha separatament.*

*Anki jekk id-dispożizzjoni tat-testatur li tordna l-użufrutt konġuntir*

*tkun tista' b'xi mod tittieħed bħala projbizzjoni tad-diviżjoni an-kemm ikun isehh l-użufrutt, il-Qorti tista' dejjem tordna x-xoljiment tal-komunjoni meta ċirkustanzi gravi u urġenti hekk ikunu jirrikjedu. U dan apparti l-konsiderazzjoni li, skond il-liġi, il-projbizzjoni tad-diviżjoni għal żmien itwal minn ħames snin hija nulla.*

Il-Qorti, — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attriċi, wara li ppremettiet li fis-17 ta' Lulju 1908 mietet bla testment Marianna Cauchi, u fit-22 ta' Settembru 1931, miet Vincenzo, ir-raġel ta' l-imsemmija Maria Cauchi, ġenituri tal-kontendenti; u l-imsemmi Vincenzo Cauchi, b'testment in atti Carlo Micallef De Caro tas-16 ta' Awissu 1923, ħalla bħala werrieta tiegħu lill-kontendenti u lil ibnu l-ieħor Carmelo, li miet fis-27 ta' Ġunju 1940 u ħalla tifla waħda li rrinunzjat għall-wirt ta' missierha; talbet :— 1. Li jiġi firmat u likwidat l-assi soċjali konjugali ta' l-imsemmijin Vincenzo u Marianna ġà konjuġi Cauchi, u jiġi dikjarat li jikkonsisti fis-sustanzi kollha li jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża; 2. Li dana l-assi soċjali konjugali jiġi diviż f'żewġ porzjonijiet indaqs, u jiġu assenjati waħda lill-assi partikulari ta' Vincenzo Cauchi, u l-oħra lill-assi partikulari ta' Marianna Cauchi; 3. Li jiġi firmat u likwidat l-assi partikulari ta' Vincenzo Cauchi, u jiġi dikjarat jikkonsisti f'nofs il-komunjoni ta' l-akkwisti u s-sustanzi l-oħra li jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża; 4. Li jiġi firmat u likwidat l-assi partikulari ta' Marianna Cauchi, u jiġi dikjarat li jikkonsisti f'nofs il-komunjoni ta' l-akkwisti u fis-sustanzi l-oħra kollha li jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża; 5. Li jiġu diviżi f'sitt porzjonijiet ugwali l-assijiet partikulari ta' Vincenzo u Marianna miżżewġin Cauchi, u tiġi assenjata lill-kontendenti porzjoni kull wieħed; 6. Li jiġi nominat perit sabiex jillikwida l-assijiet fuq imsemmijin, nutar biex jirċievi u jippublika l-kuntratt tad-diviżjoni, u kuraturi għar-rappreżentanza tal-kontumaċi. Bl-ispejjeż;

*Omissis*

Tikkunsidra fuq l-eċċezzjoni tal-konvenuti Amelia, Giuseppa, Rosaria u Paolo aħwa Cauchi, għar-rigward ta' l-assi ta' Vincenzo Cauchi;

Illi b'testment in atti Carlo Micallef De Caro tas-16 ta' Awissu 1923, it-testatur Vincenzo Cauchi "lascia in prelegato

congiuntivo alle sue figlie Giuseppina, Amelia, Rosaria e Giovanna, l'usufrutto di tutte e singole cose mobili che saranno a rinvenirsi nella sua casa di abitazione, comprese le gioie, gli oggetti di metallo prezioso che sono destinati ad essere portati addosso (meno il denaro contante e i titoli che rappresentano denaro), in modo che per tale usufrutto avrà luogo la disposizione dell'articolo 77 dell'Ordinanza VII dal 1868, esentando il testatore le dette usufruttuarie dall'obbligo della cauzione e da quello dell'inventario. Pel caso di bisogno soltanto le dette usufruttuarie potranno alienare le cose soggette al detto loro usufrutto senza aver bisogno nè della autorizzazione giudiziaria, nè del consenso degli altri coeredi, bastando per la constatazione del detto loro bisogno una loro dichiarazione nell'atto dell'alienazione. Se alcune delle dette usufruttuarie passerà a matrimonio, avrà diritto di conseguire in natura la quarta parte delle dette cose mobili lasciate in usufrutto alle dette quattro sorelle";

Illi l-Qorti taqbel mal-perit legali illi l-imsemmija dispożizzjoni ta' l-art. 77 ta' l-Ordinanza VII ta' l-1868 (art. 419 tal-Kodiċi Civili) tirrigwarda l-mod ta' godiment, u ma timpurtax impossibilità ta' diviżjoni, u ma tfisserx għalhekk illi kull wieħed mill-użufruttwarji istitwiti konġuntament ma jistax jitlob id-diviżjoni biex lilu tiġi, mill-beni kostitwiti in użufrutt, assenjata l-porzjon li tmissu biex ikun jista' jgawdiha separatament;

Illi lanqas ma hija ta' ostakolu għat-talba ta' l-attriċi għad-diviżjoni ta' l-assi ta' Vincenzo Cauchi ċ-ċirkustanza li dana ordna li f'każ ta' żwieġ ta' xi waħda mill-użufruttwarji dina jkollha d-dritt tikkonsegwixxi in natura l-kwarta parti "delle dette cose mobili lasciate in usufrutto". Jekk il-konvenuti minn dina d-dispożizzjoni jridu jiġbdu l-konsegwenza li Vincenzo Cauchi intenda jipprojbixxi d-diviżjoni bejniethom, dik il-volontà ma tirriżultax mill-espressjoni fuq imsemmija; u kif irrileva l-perit, anki kieku setgħet tinġibed dik il-projbizzjoni, skond il-liġi, non ostanti l-istess projbizzjoni l-Qorti tista' tordna x-xoljiment tal-komunjoni meta ċirkustanzi gravi u urġenti hekk ikunu jirrikjedu; u fil-każ preżenti jirriżultaw ċirkustanzi simili billi jirriżulta illi l-attriċi ħalliet id-dar komuni bi żgħożija. Inoltri, skond il-liġi l-projbizzjoni

għal żmien twil minn ħames snin hija nulla, u s-suċċessjoni ta' Vincenzo Cauchi illum li tinsab aperta mit-22 ta' Settembru 1931;

*Omissis;*

Għal dawn il-motivi;

Tpoġġi barra mill-kawża, bi spejjeż ta' l-attriċi, lill-konvenuta Annie Vella, billi dina rrinunzjat għall-wirt ta' Vincenzo u Marianna Cauchi;

Tillikwida l-assi soċjali konjugali..............;

Tordna illi d-diviżjoni..............;

L-att relativ għandu jiġi riċevut u publikat minn Nutar John Tabone Adami..............;

L-ispejjeż jitħallsu mill-kontendenti Giovanna Cauchi, Paolo Cauchi, Amelia Cauchi, Rosaria Cauchi, u Giuseppa Cauchi, kwilint kull wieħed.